MT

TEATRU MALTA

SEJĦA GĦAL SERVIZZ

# KAP TAL-PRODUZZJONIJIET

## (KOPERTURA TAL-LEAVE TAL-MATERNITÀ)

MA' TEATRU MALTA GĦALL-KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI

ARTS COUNCIL MALTA

teatrumalta.org.mt

**Teatru Malta hija l-kumpanija nazzjonali Maltija tat-teatru.**

Aħna qed infittxu li nqabbdu fornitur tas-servizz esperjenzat u entużjast biex iservi bħala **Kap tal-Produzzjonijiet** għal medja ta' 40 siegħa fil-ġimgħa, biex imexxi l-programm tal-produzzjonijiet ma' Teatru Malta, fl-operazzjonijiet u l-amministrazzjoni tiegħu

Il-Kap tal-Produzzjonijiet jirrapporta lid-Direttur Artistiku/Direttur Ġenerali ta' Teatru Malta u lid-Direttur (Servizzi Korporattivi) tal-Kunsill Malti għall-Arti.

**Tul ta' Żmien**

It-terminu maħsub huwa għal **sena (1)** li jibda mill-15 ta' Mejju 2023, biex iservi bħala kopertura tal-leave tal-maternità.

*Nomenklaturi li jindikaw il-ġeneru maskili jinkludu wkoll il-ġeneru femminili u mhux binarju.*

## Dmirijiet u Responsabbiltajiet

Id-dmirijiet tal-offerent magħżul għandhom jinkludu iżda mhumiex limitati għal:

- Jaħdem mill-qrib mad-Direttur Artistiku/ Direttur Ġenerali ta' Teatru Malta fuq l-iżvilupp u l-produzzjoni ta' programm artistiku ta' avvenimenti u proġetti teatrali;
- Imexxi u jissorvelja l-programm tal-produzzjonijiet ta' Teatru Malta, inkluż l-amministrazzjoni tagħhom, l-operazzjonijiet ġenerali u d-diversi proġetti u inizjattivi, filwaqt li jimmaniġġja r-responsabbiltajiet u l-kompiti għat-tim ta' Teatru Malta kif ikun meħtieġ;
- Jikkoordina mal-artist(i) ewlieni/ewlenin u/ jew mad-Direttur Artistiku/Direttur Ġenerali fil-produzzjonijiet u jaħdem ma' membri oħrajn tat-tim tal-produzzjoni fuq il-ħolqien ta' pjan ta' produzzjoni għal kull proġett li jirrispondi għall-għanijiet ġenerali tal-programm u tal-viżjoni ta' Teatru Malta;
- Imexxi u jipprovdi informazzjoni lill-persunal tal-akkwist, finanzjarju u legali għas-sinsla amministrattiva tal-proġetti rispettivi fil-programm ta' Teatru Malta;
- Iqabbad lill-artisti, id-diretturi artistiċi, il-kuraturi, il-postijiet, is-servizzi eċċ kif neċessarju, kif ukoll il-persunal tal-produzzjoni/ amministrattiv, għal kull proġett f'Teatru Malta bħala Inizjattiva ACM;
- Jiżgura li l-arranġamenti neċessarji rigward l-amministrazzjoni, l-ospitalità, l-assigurazzjoni, is-saħħa u s-sigurtà, il-liċenzjar u rekwiżiti oħra jsiru fit-tim għall-proġetti ta' Teatru Malta;
- Jikkoordina u jirrapporta lid-Direttur Artistiku/ Direttur Ġenerali dwar il-progress jew il-problemi li jiltaqgħu magħhom fil-proġetti u fl-inizjattivi ta' Teatru Malta;
- Jirrappreżenta u jipparteċipa f'isem Teatru Malta bħala Inizjattiva ACM f'inizjattivi u diskussjonijiet ta' kollaborazzjoni lokali u internazzjonali li jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-programm tal-produzzjonijiet u ta' Teatru Malta bħala l-kumpanija teatrali nazzjonali;
- Iwettaq riċerka kif assenjat mid-Direttur Artistiku/Direttur Ġenerali u jipprovdi rakkomandazzjonijiet xierqa;
- Iżomm relazzjoni ta' xogħol tajba mal-fornituri tas-servizz u mal-impjegati kollha involuti fil-Kunsill.

## Kwalifiki u Esperjenza Meħtieġa

Il-kandidati jrid ikollhom

- Grad ta' Maġisteru postgradwatorju fil-Livell 7 tal-MQF rikonoxxut u rilevanti fil-Komunikazzjonijiet, il-Ġestjoni tan-Negozju, il-Ġestjoni, l-Istudju tat-Teatru, l-Arti jew f'suġġett relatat u/jew minimu ta' 4 snin esperjenza fil-ġestjoni/amministrazzjoni.

**U**

- Għarfien tas-settur teatrali, tal-industriji kreattivi u tal-ekonomija kreattiva lokali, fil-kuntest usa' Ewropew/Mediterran. Għarfien lokali jitqies bħala vantaġġ.
- Kapaċità li jimmaniġġjaw ambjent fejn ikun hemm iktar minn mexxej wieħed, jikkollaboraw f'diversi dipartimenti u jinfluwenzaw il-livelli kollha tal-organizzazzjoni.
- Kapaċità li jistabbilixxu u jżommu relazzjonijiet pożittivi ma' varjetà ta' kollaboraturi u partijiet interessati.
- Kapaċità li jikkomunikaw b'mod effettiv b'ħiliet interpersonali u ta' smigħ eċċellenti, preferibbilment fil-Malti u fl-Ingliż.
- Kapaċità li jaħdmu kemm b'mod indipendenti kif ukoll f'tim, b'attenzjoni mogħtija għad-dettall.
- Fehim tal-politika tal-Gvern, kif ukoll tal-inċentivi u tal-leġiżlazzjoni jitqies bħala vantaġġ.
- Kapaċità li jaħdmu taħt pressjoni u fi żmien opportun.

↓ **Il-Fidwa tal-Bdiewa** (2022)
*Ritratt ta' Max Russ*



## Il-Kundizzjonijiet tal-Kuntratt

- Il-kandidat magħżul se jingħata kuntratt ta' servizz full-time definit għal sena (1).

- Filwaqt li jaħdem b'mod flessibbli għal medja ta' 40 siegħa/ġimgħa biex jilħaq it-talbiet u r-rekwiżiti tal-pożizzjoni, il-kandidat magħżul se jkun meħtieġ jaħdem skont ir-regoli u r-regolamenti tas-Servizz Pubbliku ta' Malta. B'mod okkażjonali, se jkunu meħtieġa jaħdmu tard jew fi tmiem il-ġimgħa biex jilħqu d-dati tal-għeluq jew minħabba l-ħtiġijiet tal-produzzjoni.

- Il-Kap tal-Produzzjonijiet (kopertura tal-leave tal-maternità) se jwieġeb lid-Direttur / lill-Affarijiet Korporattivi tal-Kunsill Malti għall-Arti rigward operazzjonijiet relatati mal-akkwist pubbliku, mal-finanzi, mal-baġits, u mal-HR u lid-Direttur Artistiku/Direttur Ġenerali ta' Teatru Malta rigward l-ipprogrammar, l-etos u l-viżjoni ta' din l-inizjattiva tal-Kunsill Malti għall-Arti.

- Id-direzzjoni, l-assenjament tax-xogħol, il-kjarifika u l-approvazzjonijiet jinħarġu miċ-Chairperson Eżekuttiv tal-Kunsill Malti għall-Arti jew mir-rappreżentant tiegħu.

## Informazzjoni Dwar is-Salarju

Ir-remunerazzjoni hija ta' EUR 34,800.00 (teskludi l-VAT iżda tinkludi kwalunkwe taxxa jew tariffa oħra) fis-sena, għal sena (1), għal medja ta' 40 siegħa fil-ġimgħa mill-uffiċċju u/jew fuq is-sit kif meħtieġ. Iż-żewġ figuri jeskludu l-VAT iżda jinkludu kwalunkwe taxxa jew tariffa oħra.

Il-pagament se jiġi pproċessat kull xahar mill-Kunsill Malti għall-Arti mal-wasla ta' fattura b'numru tal-VAT validu.

## Applikazzjonijiet

L-applikazzjonijiet, kompletati mid-dokumentazzjoni meħtieġa, ittra ta' akkumpanjament, u Curriculum Vitae dettaljata għandhom jaslu għand **contact@teatrumalta.org.mt** sa mhux iktar tard mill-**21 ta' April 2023, nofsinhar**, biex jiġu intervistati fl-24 u fil-25 ta' April 2023, matul il-ġurnata.

L-applikanti jrid ikollhom numru tar-reġistrazzjoni tal-VAT validu. Il-fornitur tas-servizz magħżul se jkun responsabbli għat-tassazzjoni u għall-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali rilevanti skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali.

L-applikanti eliġibbli magħżula se jintalbu jattendu intervista għall-għażla.